IS-SITTAX-IL ĦADD
IT-TAJJEB U L-ĦAŻIN FID-DINJA

Daħla: Insellmulkom. Ir-realtà tat-tajjeb u l-ħażin fid-dinja mhix moħbija. Ħafna minna tant iddejjaqna li ngergru kif jista' Alla jħalli tant ħażen madwarna. Fil-parabbola tallum, Ġesù jispjega għaliex u jispiċċa bil-kliem, "Min għandu widnejn, ħa jisma'". Ejjew illum inkunu kapaċi nisimgħu x'jgħid lilna Ġesù u nwieġbu għas-sejħa tiegħu. Nibdew diċ-ċelebrazzjoni billi nkantaw ...

L-Ewwel Qari: Alla tagħna għandu ekwilibriju sħiħ fl-attributi tiegħu. Fl-ewwel qari, insibu stampa ta' Alla li hu ġust u fl-istess ħin kollu mogħdrija magħna lkoll.

Responsorju tas-Salm: **Mulej, inti twajjeb u taħfer.**

It-Tieni Qari: L-Ispirtu s-Santu Alla hu fina biex jimla l-vojt tagħna. Hu jitlob fina u għalina u t-talb tiegħu żgur jogħġob lil Alla u jinstama'.

Offertorju: *(X'ħin ikunu se jitressqu l-offerti lejn l-artal, l-animatur igħid):*
Dak li jsir waqt l-Offertorju hu att ta' fidi kbira: aħna noffru lil Alla xogħol idejna u Hu jaċċettah u jbiddlu f'ikel ta' salvazzjoni għalina. Inkantaw...

Tqarbin: *(Waqt li s-saċerdot ikun jitqarben, l-animatur igħid)*
Aħna wlied is-Saltna. Aħna ż-żerriegħa t-tajba fid-dinja. Għalhekk, importanti li nirċievu kemm it-tagħlim ta' Ġesù kif ukoll lil Ġesù fit-Tqarbina biex inkunu b'saħħitna qalb is-sikrana tad-dinja. Inkantaw....

Ringrazzjament: *(waqt li s-saċerdot ikun jippurifika l-Kalċi, l-animatur igħid)*
Ejjew nirringrazzjaw lil Ġesù li jieħu gost jiġi ġewwa fina u jagħmilna strumenti tal-ħniena u l-maħfra tiegħu fid-dinja tallum. Ngħidu (JEW) inkantaw...

Kant tal-Għeluq...